# Leħen l-Emigrant Kalkariż: Triq ir-Rnella



Il-kuntatt mall-Kalkara matul is-snin li ili msiefer baqa' sod mingħajr ebda sforz jew organizzazzjoni. Meta wieħed jibqa' jħossu parti mill-pajjiż fejn beda ħajtu, avolja jkun għex tliet kwarti minn żmienu f'pajjiż ieħor, fin-naħa l-oħra tad-dinja, hija ħaġa naturali li jkollu x-xewqa jerġa' jimxi t-triqat u l-isqaqien fejn beda jiffor-ma l-ewwel esperjenzi ta' ħajtu sa ma siefer fl-età ta' tmintax-il sena. Minke-jja l-bidliet, li kemm hu, u kemm il-pajjiż, ikunu għaddew minnhom, ma' kull żjara wieħed irid ikompli jżomm ruħu aġġornat mal-aħħar żvilippi fir-raħal jew il-pajjiż li jkun ħalla snin ilu, waqt li jġedded ħbiberiji li bdew fi tfulitu.

Wieħed irid jaċċetta li l-pajjiż li ħalla ħames diċenji ilu, għadda minn progress u minn bidliet taż-żmien, bħal ma għadda hu stess fil-mixja tiegħu fil-ħajja. Hawn min jgħid li l-memorji tat-tfulija huma l-aktar li jibqgħu stampati f'moħħ il-bniedem matul ħajtu. Jien naqbel ma' din it-teorija fil-biċċa l-kbira, imma nem-men ukoll li l-bniedem qatt ma jieqaf jiżviluppa u jimxi 'l-quddiem biex jir-realizza l-potenzjal tiegħu fil-ħajja.

Għalhekk biex wieħed jibqa' kon-ness mall-pajjiż irid jaċċetta l-bidliet li jara mingħajr ma jibqa' biss marbut mal-imgħoddi bħala l-unika konness-joni tiegħu. Għalkemm il-Kalkara hija maqtugħa mill-pass mgħaġġel tat-tliet ibliet ġirien tal-Kottonera, qatt ma baqgħet lura fir-rata tal-progress fil-qasam artistiku u soċjali. Mill-Kalkara ħarġu ħafna nies li għamlu isem fil-qasam artitisku, sportiv u akkademiku, politiku, eċċ. Fuq kol-loxi s-sbuħija tal-pajsaġġ, li jħabbatha mal-aqwa bliet u rħula f'Malta, tagħmel lill-Kalkara waħda mill-isbaħ subborgi fl-arċipelagu Malti.

Matul iż-żmien il-Kalkara laqgħet fi ħdanha nies ta' reputazzjoni mond-jali, sewwa jekk kienu kittieba b'reputazzjoni internazzjonali bħal Ernle Bradford jew atturi leġġendarji ta' Hollywood bħal Roger Moore, Lee Marvin u oħrajn. Jiġifieri minkejja li il-pajjiż qatt ma kien nieqes mill-personalitajjiet internazzjonali u personaġġi famużi, b'xi mod irnexx-ielu jżomm dik in-normalità u trank-willità li dejjem kont naf fi tfuliti u li għadni nosserva sal-lum.

## Djar tat-tfulija fis-snin ħamsin

Meta nżur ir-raħal, minn żmien għal żmien, dejjem infittex l-ewwel dar li għixt fiha li kienet fil-qalba ta' Triq ir-Rnella. Din it-triq kienet waħda prinċipali fi tfuliti u ma kinetx *one way* kif inhi llum, infatti kienet tilqa' t-traffiku tielgħa u nieżel lejn l-isptar ta' Bighi, lejn il-bajja ta' Rinella jew dak li jkun nieżel lejn ix-xatt. Sew jekk kienet *lorrie* tal-militar, xi vann ta' xi bejjiegħ, xi karrozza privata kif ukoll xi żiemel bil-karrettun, dejjem kien hemm id-diffikulta biex is-sewwieq jinnaviga fi Triq ir-Rnella. Fis-snin ħamsin ma tantx kien hawn karrozzi privati u l-biċċa l-kbira tal-vetturi kienu tal-Ingliżi. Madankollu kien hemm num-ru żgħir ta' familji Kalkariżi li kellhom il-karrozza tagħhom għalkemm din kienet ħaġa aktar rari mil-lum.

F'dak iż-żmien, meta Malta kienet għadha kolonja taħt l-Imperu Ingliż, l-isptar ta' Bighi kien wieħed mill-isptarijiet maġġuri tan-*Navy* Ingliża, waqt li Triq ir-Rnella kienet l-arter-ja prinċipali tat-traffiku fil-pajjiż. Dawk li kienu joqgħodu f'din it-triq fl-imgħoddi jiftakru il-ħoss ta' vet-turi militari tilgħin u niżlin ta' spiss u kemm-il darba il-qanpiena ta' xi am-bulanza kienet twaqqaf lil kulħadd fejn ikun sakemm tgħaddi. Mhux l-ewwel darba li karrozza privata li kienet tkun nieżla mit-triq kien ikoll-ha timxi b'lura biex tħalli l-ambulanza tgħaddi.

Fiż-żjajjar tiegħi fil-pajjiż hemm żewġ indirizzi li dejjem infittex meta nżur din it-triq. Dawn huma d-djar fejn kbirt u trabbejt fiż-żmien bikri ta' tfu-liti. L-ewwel numru huwa 26, Triq ir-Rnella u l-ieħor numru 18. In-numri issa imbidlu fiż-żewġt idjar u l-post fejn konna noqgħodu aħna kull ma baqa' minnu hija l-faċċata. Fid-dar ta' numru 18 Triq ir-Rnella, fejn kienet toqgħod il-familja Micallef, qattajt l-ewwel snin ta' ħajti nilgħab ta' spiss mal-aħwa Micallef, Leli, Karmenu u Joey li għadhom ħbieb tiegħi sal-lum. Fi tfuliti kważi kont inqatta' aktar żmien għandhom milli d-dar. Dak iż-żmien, li t-tfal imorru jilgħabu għand xulxin, kien mod ta' ħajja, fejn om-mijietna kienu jserrħu rashom basta jkunu jafu fejn, u għand min konna.



***Fi Triq ir-Rnella***
*Mannie Casha ma' Charles Flores (Lulju 2006).*

Fis-snin ħamsin il-ħajja kienet iżjed innoċenti u nieqsa mill-perikli li jeżistu llum. Fil-bidu konna nilgħabu bis-suldati taċ-ċomb fejn konna dejjem noħolqu xi gwerra fir-roqgħa ħamrija li kellhom fil-ġnien żgħir tad-dar, imma darba skoprejna il-logħba tat-*Table Soccer*, li konna bagħtna għaliha l-Ingilterra u bdejna ngħaqqdu kom-petizzjonijiet li kienu jimitaw il-futbol Ingliż, konna nqattgħu kull siegħa libera li kellna wara l-iskola fil-kamra t'isfel nilgħabu.

## Ħwienet fi Triq ir-Rnella fis-snin ħamsin

Triq ir-Rnella ta' tfuliti kienet mo-qdija sewwa minn ħwienet lokali li kienu jaqdu l-bżonnijiet tal-familiji Kalkariżi, sewwa fin-naħa ta' fuq u anki fin-naħa t'isfel tal-pajjiż. Jekk nibdew min-naħa t'isfel tat-triq, l-ew-wel ħanut kien dak ta' Ġanni Meilaq fejn kien hemm il-Każin tal-*Labour*. Niftakar numru ta' rġiel miġburin f'dan il-ħanut fejn ġieli kont immur

nixtri s-sigarretti lil missieri.

Ftit aktar ‘il fuq kien hemm Sunta “tal-forn”. Dan kien post imfittex ħafna fl-aħħar tal-ġimgħa billi ommijietna kienu nieqsin mill-kumditajjiet li llum huma komuni bħal fran tal-gas jew tal-elettriku, għalhekk hemmhekk kien jinġabar kju mhux ħażin f’ċertu ħin ta’ qabel nofs in-nhar fl-aħħar tal-ġimgħa.Kulħadd jieħu d-dixxijiet bl-ikel biex jinħmew fil-forn komunitarju. Niftakar tal-forn kellhom sistema fejn kien jagħtina numru fuq speċi ta’ diska taċ-ċomb jew tal-landa, u dik kienet tkun ir-riċetta biex niġbru id-dixx li nkunu ħadna xi sagħtejn qabel. Meta kont tkompli titla’ ‘l fuq fi Triq ir-Rnella kien hemm l-armatura tal-ħanut ta’ Ċetta (ma niftakarx kunjoma) li kienet tbiegħ ġugarelli tat-tfal u *bric-a-brac* waqt li ftit ‘il fuq minnha, fl-istess naħa tat-triq, kien hemm Ġorġ il-Barbier.

Jekk imbagħad tibqa’ tiela’ fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-ħanut ta’ Wenzu “tal-Laħam”. Għadni niftakar fis-sajf il-frisk li kien ikun hemm f’dan il-ħanut minħabba l-*fridges* kbar li kellu, li kienu għaddejjin il-ħin kollu biex iżommu temperatura konstanti biex jippreservaw il-laħam fil-friża.

Fil-faċċata fuq in-naħa l-oħra kien hemm Lorrie “tal-Għamara”. Niftakar dan il-ħanut li kont trid tinżel it-taraġ biex tiġi fih fejn kellu kull kwalità ta’ xogħol tal-injam għaddej. Dejjem kelli l-impressjoni li Lorrie kellu reputazzjoni tajba madwar Malta għax ċertu xogħol kien ikun għal nies minn barra r-raħal.

Jekk imbagħad terġa’ taqsam it-triq kont issib il-ħanut ta’ Karmenu Pisani “taż-Żebgħa”. Dan għalkemm konna nsejħulu “taż-żebgħa” kien ikollu għażla ta’ għodod u affarijiet relevanti għas-snajja. Imbagħad jekk tiqba’ tiela’ t-telgħa lejn Triq San Mikiel, kien hemm ir-“Rinella Bazaar”. Imbagħad faċċata ta’ Triq San Mikiel kien hemm il-ħanut tal-merċa ta’ Ġanni u Rożi. Dan il-ħanut kien f’pożizzjoni tajba għax kien fin-nofs bejn in-naħa ta’ fuq u n-naħa t’isfel ta’ Triq ir-Rnella. Ġanni kien mużiċista serju u għalkemm qatt ma rajtu jdoqq fil-pubbliku, niftakar numru ta’ ritratti li kellu li juru lilu u l-orkestra tiegħu, bil-kitarri u l-mandolini. Ma niftakarx jekk Ġanni kienx mill-Kalkara, jew ġiex jgħix il-Kalkara darba xtara l-ħanut fi Triq ir-Rnella.

Imbagħad jekk tibqa’ tiela’ aktar ‘il fuq lejn il-pjazza ta’ fuq, hemmhekk kien dak li konna nafuh bħala “l-Każin tax-Xjuħ”, illum aktar magħruf bħala l-Każin tas-Sagra Familja. Fin-naħa l-oħra tat-triq kważi faċċatta tiegħu kien hemm il-ħanut tal-merċa ta’ Luretu Mintoff.

Ftit aktar ‘il fuq kien hemm ħanut tal-merċa “Ta’ Brown” u “il-Każin tal-*Cricket*”, fejn niftakar numru ta’ rġiel kienu jiltaqgħu u jilgħabu l-cricket regolarment fl-“Għalqa tal-Futbol” u fejn wara kienu jgħaddu siegħa fil-każin. Fis-sajf dan il-każin kien juri xi film għalina t-tfal tal-Kalkara ta’ dak iż-żmien, fejn kienet l-hena tagħna immoru naraw it-*talkies* tat-Tarżan jew ta’ *Popeye* jew films oħra adattati għat-tfal.



*Manuel u Leslie Casha quddiem il-bieb numru 26, Triq ir-Rnella (Ottubru 2003).*

Fl-aħħar ta’ Triq ir-Rnella kien hemm il-“Coronation Bar” ta’ Joe Borda. Dan kien wieħed mill-aktar bars magħrufa fost in-nies tas-servizzi Ingliżi li kienu impostati l-Kalkara. Wieħed irid jiftakar ukoll li f’dak iż-żmien il-Kalkara kienet waħda mill-aktar pajjiżi ppopolati bin-nies tas-servizzi Ingliżi f’Malta.

### Lura lejn il-bidu

Fis-sena 2006 kont inżilt għall-festa tar-raħal wara 43 sena li kont ili ma naraha. Hija ħaġa sabiħa għal nies imsiefrin li jattendu t-tliet ijiem tal-festa għax barra li jerġgħu jaraw u jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal festa, jerġgħu jiltaqgħu ma’ ħafna ħbieb li bosta drabi jkunu ilhom ma jaraw għal ħafna żmien. Infatti hekk kien ġara f’dik iż-żjara, għax barra li kont iltqajt ma’ bosta ħbieb tat-tfulija, gawdejt it-tliet ijiem tat-tradizzjoni tal-festa fil-pajjiż għall-ewwel darba mindu kont siefirt fis-sena 1963.

Ħaġ’oħra ta’ interess kienet li irnexxieli nerġa’ nżur id-dar numru 26, Triq ir-Rnella fejn qattajt l-ewwel snin ta’ tfuliti. Is-sidien ta’ din id-dar, Imelda u Freddie Tabone, kienu ġentili biżżejjed biex ippermettuli li nerġa’ nara d-dar minn fuq s’isfel u anki ħadt xi ritratti minn fuq il-bejt. Il-bejt ta’ din id-dar għandu sinifikanza speċjali għalija għax hemm kont inqatta’ l-ħin ma’ missieri fi tfuliti, wara li kien jasal id-dar minn fuq ix-xogħol fid-*Dockyards*. Missieri miet fis-snin sittin, għalhekk din iż-żjara kellha impatt speċjali fuqi.

Il-veduta panoramika li kienet tidher minn fuq il-bejt , baqgħet l-istess kif niftakarha fi tfuliti, għalhekk qajmet nostalġija qawwija fija dak inhar. Din kellha tkun l-aħħar darba li kelli nara din id-dar fejn kbirt għax illum m’għadiex hemm, ħlief il-faċċata, għalhekk ir-ritratti li ħadt dak inhar jibqgħu jżommu memorja unika għalija.

### Konklużjoni

Fl-aħħar tas-snin ħamsin il-familja tiegħi ġarret għal Triq San Mikiel fejn kien sar proġett tad-djar fejn qabel kien hemm il-knisja l-qadima li ġġarfet fil-gwerra. Hemmhekk beda kapitlu ieħor f’ħajti fil-Kalkara waqt li spiċċa ż-żmien tiegħi ngħix fi Triq ir-Rnella.

Il-ħajja fi Triq San Mikiel kienet ħafna differenti minn żmieni fi Triq ir-Rnella. Hemmhekk għaddejt minn ħafna bidliet li wassluni għal żviluppi ġodda bħala *teenager*, imma dik storja għal darb’oħra. Għalkemm illum Triq ir-Rnella hija *one way* fi tfuliti niftakarha bħala l-arterja prinċipali li kienet tgħaqqad in-naħa ta’ fuq man-naħa t’isfel tal-Kalkara.

***www.manuelcasha.com***